# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 31/2016JB

Numru: 11

**Eddie Abela (K.I.: 39265G) u Charlie Christ Abela (K.I.: 13090G)**

***vs***

**Carmel Mifsud**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-13 ta' Lulju 2016 fejn l-Atturi talbu li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tliet mija u sittin euro (€360) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' inginerija (xoghol ta' hadid) rezi fuq inkariku tieghu stess. Talbu wkoll l-imghaxijiet u l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 53/2016.

Ra li l-Kawza giet debitament appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-16 ta' Settembru 2016 (a fol 6);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat (a fol 2ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar id-9 ta' Awwissu 2016 ipprezenta risposta (a fol 10) fejn eccepixxa dan li gej:

1. Illi l-ammont pretiz mhux dovut stante li x-xoghol sar hazin u kellhom jergghu isiru tiswijiet fuq l-istess crane mill-Attur Eddie Abela stess;

2. Illi fit-tieni lok, l-eccipjenti mghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' Charles Christ Abela;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Settembru 2016 (a fol 14) fejn il-gudikatur Dr Kevin Mompalao astjena milli jkompli jisma' l-kaz;

Ra d-digriet tieghu tat-28 ta' Ottubru 2016 fejn l-kawza giet differita ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2016 stante li giet riassenjata;

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-odjerna kawza tirrigwarda xogholijiet li saru mill-Atturi fuq *tower crane* proprjeta tal-Konvenut. Mill-assjem tal-provi jidher li ghax-xogholijiet imwettqa mill-Atturi inhareg kont ferm superjuri ghall-ammont mertu tal-kawza, liema ammont jidher li hu bilanc li l-Konvenut ghazel li ma jhallasx peress li ma kienx sodisfatt mix-xoghol. Ghalkemm f'termini differenti, iz-zewg partijiet jidher li qed jaqblu dwar dan.

Il-kwistjoni kollha fil-kawza odjerna hi jekk ghandux ragun il-Konvenut jinsisti ghal temperament tal-kont tal-Atturi. Issa l-Atturi qeghdin jghidu li wara li sar xoghol fuq il-*crane*, dan intuza fir-rih u billi ma felahx ghall-elementi dar f'daqqa u garrab hsara f'*gear*. Min-naha tieghu l-Konvenut jghid li ddecieda li jsewwi l-crane fuq insistenza ta' uliedu. Jghid li l-Attur qallu li gjaladarba l-*crane* ikun imsewwi, dan jigi jahdem bhal *crane* mahdum barra minn Malta. Jghid li biex inbidel il-*gear* kellu jixtri wiehed ghal €50. Wara li l-*crane* issewwa, il-Konvenut – fi kliemu stess – avza lill-Attur li kien se jaqta €360 mill-kont "biex ma jbati hadd minhabba l-hsara li kienet grat". Il-Konvenut jghid li l-*crane* ghadu jahdem. Jidher li l-partijiet ma kienux ftehmu prezz qabel ma nbeda x-xoghol.

Illi mill-assjem tal-provi, it-Tribunal iqis li z-zewg partijiet suppost fehmu li dan ix-xoghol fuq il-*crane* kellu sembjanza ta' lapazzar u li wiehed seta' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni li l-*crane* (tenut kont l-origini tieghu u anke z-zmien li kellu u t-teknologija tieghu) ma kienx se jigi bhal wiehed gdid.

Fic-cirkostanzi, anke tenut kont tal-ispejjez li kellhom jigu inkorsi wara li x-xoghol kien tlesta, it-Tribunal sejjer a bazi tal-principju tal-ekwita jordna temperament tal-ammont reklamat. Ghalhekk se jilqa' t-talba limitatament ghas-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250).

Ikkunsidra;

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, jidher bic-car mix-xhieda mhux kontradetta ta' Eddie Abela li l-Attturi jahdmu flimkien u ghalhekk din l-eccezzjoni mhix misthoqqa u se tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jilqa' parzjalment l-ewwel eccezzjoni, qieghed jichad it-tieni eccezzjoni, konsegwentement jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250). In vista ta' dan, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*